Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Citta' Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | |
|---|---|---|
| Seduta | 11/14 tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 | |
| Data | 06/11/2014 fis-6.40pm | |
| Post | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | |
| Attendenza | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Skużata |
| | Amanda Abela | Preżenti |
| | Joan Agius | Preżenti |
| | Claude Camilleri | Preżenti mis-6.50pm |
| | Raymond Caruana | Skużat |
| | Sean Chircop | Preżenti |
| | Stephania Fenech | Preżenti mis-7.00pm |
| | Joseph Hales | Preżenti |
| Preżenti wkoll | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |

**Is-sistema tal-live streaming ma kinetx qed tiffunzjona minħabba ħsarat tas-service provider.**

**11. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 11. 1. 1 | | Proponent: Agius<br>Sekondant: Chircop | Il-Minuti 10/14 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet: | |
| | 10.5.2 | Minflok il-kelma 'Viċi-Sindku', jidħlu l-kliem 'il-kunsilliera Joan Agius.' | | |
| 11. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**11. 2. Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 11. 2. 1 | | Hales: Trasport Pubbliku għal Higher Secondary | Hales għamel referenza għal servizz dirett tat-trasport pubbliku għal higher secondary fin-Naxxar li ssemmá fil-laqgħat preċedenti. TM infurmat lill-Kunsill li dan is-servizz huwa impossibli li jsir. Is-Sindku spjega li dan jista jigi organizzat min-naħa ta' l-iskola stess u l-istudenti. | Hales |
| 11. 2. 2 | 10.2.1 | Agius: Ħlas Frankie Mifsud | Agius infurmat lill-Kunsill li ser issir laqgħa ma' Ms Antoinette Vassallo tal-Housing dwar il-pagament tas-Sur Frankie Mifsud. | Agius |
| 11. 2. 3 | 10.2.3 | Hales: Dog Litter Bins | Hales informa lill-Kunsill li dawn għadhom pendenti. | Hales |
| 11. 2. 4 | 10.2.6 | Hales: Suffitti tal-Latrini | Hales irraporta lill-Kunsill li x-xogħol kważi lest. Jonqos li jitwaħħlu l-globi. | Hales |
| 11. 2. 5 | 10.2.7 | Hales: Barriers fi Ġnien l-Għannejja | Hales informa lill-Kunsill li dawn twaħħlu. | Hales |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 11. 2. 6 | 10.2.8 | Camilleri: Sprall fi Triq San Klement | Il-Kunsillier Camilleri staqsa dwar l-isprall fi Triq San Klement. Il-Kunsillier Hales spjega li minn spezzjonijiet li saru mill-KSI, ma jirriżultax li hemm żbroff tad-drenaġġ. Kompla li fiż-żona hemm sadd fil-watrculvert li jeħtieġ li jiġi mnaddaf minħabba li l-ilma qiegħed hu l-kaġun tal-irwejjaħ. | Hales |
| 11. 2. 7 | 10.2.9 | Hales: Ġbir ta' skart bieb bieb | Hales informa lill-Kunsill li l-kuntratt ġie imwaqqaf min-naħa tal-Kunsill minħabba li ma ntlaħqux l-aspettattivi mitluba fil-kuntratt. Il-kuntratt ġie mgħoddi lill-Kuntrattur bit-tieni l-orħos offerta, mill-1 ta' Novembru 2014 | Hales |
| 11. 2. 7 i | | | Is-Sindku spjega li l-kuntrattur Waste Collection kien intagħżel għax kien l-aħjar offerta. Kien dikjarat li ser jintuża RCV wieħed. Il-Kunsill tah iċ-ċans li jaħdem. Bdejna nirċievu bosta lmenti dwar in-nuqqas ta' ġbir ta' skart u dwar il-munzelli. Kien hemm ftehim li l-ġbir jitlesta sal-11am u beda jdum sat-3.00pm. Il-Kuntrattur ammetta li l-pjan li kien fassal, kien falla. Huwa aċċetta li jieqaf u jaħdem sa l-aħħar ta' Ottubru. | |
| 11. 2. 7 ii | | | Għaldaqstant bgħattna għall-kuntrattur li kien tefa it-tieni l-aħjar offerta, is-Sur Salvu Mifsud. Dan b'żieda ta' madwar Eur17,000 fuq il-kuntratt ta' qablu. Hales qal li l-iskart mhux ser jingabar f'munzelli mill-kuntrattur. | |
| 11. 2. 7 iii | | | Is-Sindku rraporta lill-Kunsill li l-kuntrattur Ronald Bezzina staqsa għalxiex ma ġiex avviċinat. Ġie infurmat li l-Kunsill mexa skond min kien l-aħjar offerent wara l-Waste Collection. | |
| 11. 2. 8 | 10.2.12 | Sindku: Xogħol ta' resurfacing Triq il-Palazzi | Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħol fuq Triq il-Palazzi nbeda u bħalissa qed isir bdil fis-servizzi tal-home connections. Wara li jitlestew il-bankini, fil-bidu ta' Diċembru jibda x-xogħol tal-wiċċ bil-hot tarmac. | Sindku |
| 11. 2. 9 | 10.2.15 | Hales: Soft area ħdejn il-Librerija Pubblika | Hales informa lill-Kunsill li t-tindif ser jibda jsir kull nhar ta' ġimgħa esklużi btajjel pubbliċi. | Hales |
| 11. 2. 10 | 10.3.7 | Camilleri: Road Humps | Camilleri staqsa jekk sarux ir-road humps fi Triq Daħla ta' San Tumas. Is-Sindku spjega li la TM trid tagħmel ir-road humps, il-Kunsill ma jistax iżomm milli jsiru. Camilleri staqsa jekk hux ser isiru f'toroq oħra. Żis-Sindku qal li s'issa ma ġejniex infurmati minn TM li ser isiru toroq oħra. | Sindku |
| 11. 2. 11 | 10.9.2 | Hales: Reserved Parking Bays | Hales irraporta lill-Kunsill li tneħħiet reserved parking bay fi Triq l-Isqof Ferdinand Mattei. Fuq l-oħrajn għad m'għandux informazzjoni. | Hales |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11. 2. 12 10.9.7 | Agius: Attivitajiet | Agius irrapurtat dwar il-community cultural recreational activity ġewwa t-Topaz Hotel li sar f'Ottubru. Hija rrapurtat ukoll l-attivitajiet li qed isiru fuq il-proġett tal-Gal Miżura 413, Children in the community. Bħalissa qed jipparteċipaw madwar 58 parteċipant. Ser issirilha intervista fuq l-istazzjon tar-radju RTK nhar is-Sibt 8 ta' Novembru. Il-Kunsilliera Agius irrapurtat il-problema li affaċċjat dwar il-vaċċin ta' l-influwenza peress li din ma riditx tingħata fid-data miftehma mid-dipartiment. Hija infurmat lill-Kunsill li irnexxilna nagħtu l-vaċċin lid-900 applikant fil-ħin permezz ta' l-intervent ta' Dr Chris Faerne. | Agius |

**11. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML10/14. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 3. 1 | 01 | MEPA: PA3366/14 | **Il-Kunsill qabel li jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dan l-iżvilupp jinsab fil-village core u għaldaqstant għandu jinżamm mal-karatteristika tal-post.** | Sindku |
| 11. 3. 3 | 03 | Għaqda Mużikali Beland: Isem ta' Triq għal Dr Alexander Cachia Zammit | **Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li Triq Connaught tinbidel u issir bl-isem "Dr Alexander Cachia Zammit, Tabib u Politiku, 1924-2014". Għaldaqstant ser issir talba dwar dan lil-istreet naming committee.** | Hales |
| 11. 3. 4 | 04 | Fondazzjoni Wirt iż-Żejtun: Pubblikazzjoni | **Il-Kunsill qabel li jixtri żewġ kopji tat-tieni ktieb dwar l-Aħħar Ħbit tat-Torok 1614.** | Segretarjat |
| 11. 3. 5 | 08 | AKL: Laqgħa tas-Sindki | Il-Kunsilliera Agius ser tirċievi award għas-servizz tagħha għal 20 sena fil-kunsill waqt il-laqgħa tas-Sindki li ser issir f'Għawdex bejn is-7 u t-8 ta' Novembru. | Agius |
| 11. 3. 6 | 11 | TM: No approval għal no heavy vehicles fi Triq San Duminku | Is-Sindku spjega li minħabba l-gallarji baxxi f'din it-triq, twaħħlet tabella għal no entry għal heavy vehicles. Dwar dan ser nitolbu permess lil TM. | Sindku |
| 11. 3. 7 | 13 | D. Bonnici: One way - Triq San Klement | Is-Sindku qal li ma kienx hemm problemi kif mistenni dwar il-one way ta' Triq San Klement. Daħlu 3 ilmenti min-nies li ma joqgħodux f'din it-triq. Fenech staqsiet jekk is-sewwieqa li jkunu ħerġin minn Triq Santa Ċeċilja jistgħux jaqsmu dritt. Hales qal li hemm it-tabelli tat-traffiku li jindikaw lis-sewwieqa kif iridu jgħaddu u li min ma josservax dawn it-tabelli, ikun qed jikser il-liġi. Is-Sindku spjega li mar fuq il-post dwar il-każ tas-Sur Bonnici li qal li għandu diffikulta jidgol fil-garaxx minħabba parking quddiema iżda hu stess niżel u tela' bil-karozza tiegħu. It-talba tas-Sur Bonnici sabiex jitneħħa parkeġġ ser titressaq quddiem TM u nistennew risposta. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 11. 3. 8 | 16 | G. Cassar: Talba għal ħsarat fuq il-vettura | Il-Kunsill ma approvax il-ħlas għal ħsara li saret fuq il-vettura tas-Sur Cassar peress li r-rapport sar wara li sewwa l-vettura u kif ukoll ma kienx hemm ritratti tal-ħsara. | Sindku |
| 11. 3. 9 | | S. Vella: No heavy vehicles sign fi Triq Santa Marija | Il-Kunsill qara l-ittra tas-Sur Vella u ser jaqra x'jista' jsir fuq dan il-każ. | Sindku |

**11. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 10/14 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju |
| 11. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 10/14 | Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 10/14 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella. | Segretarju |
| 11. 4. 2 i | | Dwar iċ-ċekk ta' l-Għaqda ta' l-Armar għal armar ta' antaljoli waqt Żejt iż-Żejtun u l-Milied, is-Sindku spjega li l-posta li ngħatat lil din l-għaqda wara l-Knisja waqt Żejt iż-Żejtun ma sarx ħlas għaliha bħala kumpens għall-armar ta' l-Antaljoli.<br><br>L-istess jista' jingħad għall-Knisja, li l-Arċipriet jifthilna l-Knisja, jintuża l-orgni etc. Il-Knisja ukoll ingħatat posta bla ħlas wara l-Knisja, wkoll bħala kumpens. Dawn huma stati €500 -il | | |
| 11. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri Seduta 10/14 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju |
| 11. 4. 4 | | Petty Cash - Ottubru 2014 | Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Ottubru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €173.95. | Segretarju |

**11. 5. Child Day Care Centre**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 5. 1 | | Il-Kunsilliera Joan Agius qamet minn mal-mejda minħabba interess pekunjarju. | | |
| 11. 5. 2 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ċ-Ċentru tat-Tfal għal matul il-jum fetaħ il-bibien tiegħu għat-tfal min-nhar it-Tnejn 3 ta' Novembru bi 12 -il tifel u tifla. Il-Fondazzjoni ta' dan iċ-ċentru għażlet lil Ms Fiona Camilleri bħala co-ordinator u lil Ms Elaine Darmanin, Ms Jennifer Farrugia u lil Ms Josephine Mifsud bħala carers. L-istaff huwa kollu staff t'esperjenza u nisa Żwieten. | |
| 11. 5. 3 | | | Is-Sindku spjega li t-tfal iridu jiġu reġistrati minn xahar qabel mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni sabiex igawdu mill-iskema tal-Gvern ta' child care bla ħlas. | |
| 11. 5. 5 | | Fenech: Xibka tal-ground | Il-Kunsilliera Fenech ġibdet l-attenzjoni dwar ix-xibka tal-ground peress li din mhix safe għat-tfal, kif ukoll minħabba l-ħmieġ tal-klieb. | |

**11. 6. Abbużi fil-Ġonna**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 11. 6. 1 | | Sindku: Każijiet ta' abbużi | Is-Sindku semma l-każ li ħareġ fil-media dwar is-siringa li nstabet minn tifel ta' sena u nofs fi Ġnien l-Għannejja Żwieten kif ukoll ir-rapport li sar minn Richmond Foundation dwar tipjip ta' sustanzi. Dwar dan sar rapport lill-ispettur. | Sindku Agius |
| 11. 6. 2 | | Fenech: Sezzjonijiet ta' l-aerobics | Fenech qalet li rċeviet ilmenti mill-instructor ta' l-aerobics dwar ħmieġ li sabet fl-area fi Ġnien l-Għannejja Żwieten li fiha jsiru l-aerobics meta t-temp jippermetti. Il-kunsillier Hales qal li ser iressaq l-ilment lill-kuntrattur. | Hales |
| 11. 6. 3 | | Chircop: Ħaddiema - Żamma ta' Ġonna u Soft Areas | Chircop semma każ meta kienet ser issir attivita u kien hemm ħaddiema tal-kuntratt għaż-żamma tal-ġonna li damu bil-brejk iktar minn siegħa u li saħansitra kellu jitlob l-ixkupa biex isir it-tindif meħtieġ biex jitkomplew il-preparamenti għall-attivita'. | Hales |
| 11. 6. 4 | | Agius: Ħaddiema - Żamma ta' Ġonna u Soft Areas | Il-Kunsilliera Agius daħlulha rapporti dwar ħaddiema ta' l-istess kuntrattur li qagħdu fil-vann ħdejn Ġnien iċ-Ċrieki u ma għamlux xogħol. | Hales |
| 11. 6. 5 | | Fenech: Latrini - Ġnien l-Għannejja Żwieten | Fenech staqsiet meta jitnaddfu l-latrini ta' Ġnien l-Għannejja. Il-Kunsillier Hales spjega li dan suppost jitnaddfu kull fil-għaxija minn tal-gabbana. Il-Kunsill innota li l-Ħadd fil-għodu l-latrini mhumiex jitnaddfu. Hales informa lill-Kunsill li ġiet assenjata cleaner għal-latrini fuq l-iskema ta' l-ETC għal 30 siegħa fil-ġimgħa. | Hales |

**11. 7.** **Xogħol fuq Bankini**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 11. 7. 1 | 10.7.1 | Sindku: Tender 02/14 - Bankini | Is-Sindku irraporta li intalbet stima lis-Sur Joseph Tabone, l-orħos offerent, għal bankini ta' Triq Lorenzo Gafa' u Triq Melchiorre Gafa'. Fuq proposta tal-Kunsillier Camilleri, sekondata mill-Kunsilliera Agius, **il-Kunsill approva b'mod unanimu l-istima li tammonta għal Eur20,000.42 għal bankini ta' dawn iż-żewġ toroq.** | Sindku |

**11. 8.** **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 11. 8. 1 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: Camilleri | **Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mal-proposta tal-Kunsillier Hales, issekondata mill-Kunsillier Camilleri li Triq Lvant issir one way traffic fejn id-dħul ikun minn Triq Bugħarbiel u magħluqa għat-traffiku min-naħa t'isfel.** | Hales |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 11. 8. 2 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: Camilleri | Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mal-proposta tal-Kunsillier Hales, issekondant mill-Kunsillier Camilleri li jibgħat l-awguri tiegħu lill-President il-ġdid tal-Għaqda Mużikali Beland, l-Avukat Joe Buttiġieġ. | Hales<br>Segretarjat |

**11. 9.** **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 9. 1 | | Sindku: Kunsillier Caruana | Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar il-camera tal-Kunsill li tinsab għand il-Kunsillier Caruana u li s-Sindku talab lil Caruana sabiex din tinġieb lura l-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsillier Caruana kiteb lil TM direttament fuq każ privat. Is-Sindku qal li dak kollu li jkun approvat mill-Kunsill u jkun fid-dekasteru tal-Kunsilliera, ikun jista' jingħata tagħrif direttament mill-Kunsilliera iżda ma tistax tinkiteb korrispondenza lill-entitajiet direttament. Kull korrispondenza oħra għandha tkun iffirmata minnu jew mis-Segretarju tal-Kunsill. | Sindku |
| 11. 9. 2 | | Sindku: Xogħlijiet mill-Klabb tal-Boċċi | Is-Sindku qal li kellu talba mill-Klabb tal-Boċċi sabiex il-Kunsill jgħin finanzjarjament ix-xogħlijiet ta' ristruttar li qegħdin isiru bħalissa fuq il-pitch. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma jistax jgħin iżda jista' jgħin billi jipprovdi il-lanterni tad-dwal. | Sindku |
| 11. 9. 3 | | Fenech: Ilma qiegħed fi Triq San Klement | Il-Kunsilliera Fenech ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar ilma qiegħed f'post partikolari fi Triq San Klement. Is-Sindku spjega li diġa' saru x-xogħlijiet neċessarji. | Sindku |
| 11. 9. 4 | | Fenech: Proġett I want to ride my bicycle | Fenech irrapurtat lill-Kunsill li ċ-ċiklisti ġew lura minn Spanja u li ser issir laqgħa sabiex naħsbu għall-proġett li jrid issir hawn Malta. | Fenech |
| 11. 9. 5 | | Fenech: Proġett A4U | Fenech infurmat lill-Kunsill li l-allokazzjoni ta' dan il-proġett li kienet ta' Eur1,500 ġiet eżawrita kollha minkejja li x-xogħlijiet li kien hemm pjanati ma sarux kollha. Hija talbet sabiex ix-xogħol ta' żebgħa jsir bil-ħaddiema tal-Kunsill. | Fenech |
| 11. 9. 6 | | Fenech: Sezzjonijiet ta' l-aerobics | Fenech infurmat lill-Kunsill li ser jibdew 2 block sessions ġodda ta' aerobics fil-għodu fl-24 ta' Novembru. | Fenech |
| 11. 9. 7 | | Fenech: Applikazzjonijiet Gal Xlokk | Il-Kunsilliera Fenech talbet sabiex il-kunsilliera jkunu mgħarrfa dwar applikazzjonijiet tal-Gal Xlokk. Is-Sindku spjega li l-grupp li tela' Venenzja kienu mill-Fondazzjoni Arti u Artiġjanat. | Sindku |
| 11. 9. 8 | | Abela: Ambaxxatur taż-Żgħażagħ | Il-Kunsilliera Abela talbet sabiex jinħatar ambaxxatur taż-Żgħażagħ. Is-Sindku talab lill-Kunsillier Chircop għal nominazzjonijiet. | Chircop |
| 11. 9. 9 | | Chircop: Survey Turistiku | Chircop irraporta lill-Kunsill is-survey li sar dwar lat turistiku fuq 100 persuna. Huwa ser jibgħat ir-riżultat ta' dan is-survey lis-Segretarjat. | Chircop |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11. 9. 10 | Chircop: Wirja Filatelika | Chircop irraporta l-wirja filatelika li saret b'suċċess waqt Żejt iż-Żejtun u ġie nnutat li ssieħbu nies ġodda fil-grupp tal-filatelija. | Chircop |
| 11. 9. 11 | Chircop: Kompetizzjoni L-Isbaħ Tieqa u Trofew Karlu Diacono | Chircop informa lill-Kunsill li ser terġa ssir il-kompetizzjoni għall-isbaħ tieqa filwaqt li talab sabiex il-każini jkunu mgħarrfa li ser jerġa jingħata t-trofew Carlo Diacono, liema premju jingħata waqt il-kunċert tal-Milied li din is-sena ser jittella fit-30 ta' Diċembru bis-sehem tal-Voca Gospel Choir. | Chircop |
| 11. 9. 12 | Chircop: Sign Ġnien l-Għannejja Żwieten | Il-Kunsillier Chircop talab sabiex isir sign li jindika Ġnien l-Għannejja Żwieten. Il-Kunsillier Hales ġie inkarigat mis-Sindku jieħu ħsieb li ssir is-sign. | Hales |
| 11. 9. 13 | Chircop: Bring in site Triq Toni Zahra | Il-Kunsillier Chirocp ġibed l-attenzjoni dwar il-ħmieġ li jkun hemm madwar bring in site ta Triq Toni Zahra. Il-Kunsillier Hales spjega li l-iskart li jkun hemm mad-dawra tal-bins jinġabar kuljum minbarra l-Ħdud. Is-Sindku qal li meta jkollna l-eco wardens, il-bring in sites jibdew jiġu mgħassa u b'hekk jinqatgħu l-abbużi. | Abela Hales |
| 11. 9. 14 | Chircop: Frieghi fi Vjal 25 ta' Novembru | Chircop ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar friegħi nexfin fi Vjal 25 ta' Novembru. Hales informa lill-Kunsill li dawn is-siġar ser jinżabru l-ġimgħa d-dieħla. | Hales |
| 11. 9. 15 | Chircop: Konġestjoni tat-traffiku | Il-Kunsillier Chircop irraporta konġestjoni tat-traffiku waqt il-ħruġ ta' l-istudenti mill-iskola sekondarja fi Triq Luqa Briffa. | Sindku |
| 11. 9. 16 | Chircop: Grupp Zoey | Chirocp informa lill-Kunsill li l-grupp Zoey ser jieħu sehem f'fiera għall-istudenti bejn it-12 u t-13 ta' Novembru tal-higher secondary fejn tingħata opportunita lill-istudenti sabiex jagħmlu l-proġett tas-systems of knowledge. | Chircop |
| 11. 9. 17 | Chricop: Premju għall-Uzu tal-Malti | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li ġie mistieden għall-Premju għall-Użu tal-Malti nhar l-Erbgħa 12 ta' Novembru. Huwa ressaq talba li kellu sabiex il-website tal-Kunsill tinqaleb għall-Malti. Il-Kunsilliera Agius talbet sabiex ikun hemm iktar informazzjoni dwar attivitajiet li jkunu organizzati mill-Kunsill. | Chircop |
| 11. 9. 18 | Camilleri: Bankini aċċessibli | Camilleri talab sabiex il-bankini viċin id-Dar ta' l-Anzjani jkunu aċċessibli għal nies b'diżabilita'. Is-Sindku qal li l-bankini ta' dik l-area huma aċċessibbli. | Sindku |
| 11. 9. 19 | Camilleri: Parking bay fi Triq San Ġużepp | Il-Kunsillier Camilleri talab sabiex jitneħħa l-yellow line li hemm fi Triq San Ġużepp k/m Triq Santa Monika u minflok isir parking bay. Il-Kunsill laqa' din it-talba. | Hales |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11. 9. 20 | Camilleri: Librerija Pubblika | Il-Kunsillier Camilleri informa lill-Kunsill li l-librerija ġiet lura għall-ħinijiet normali wara xogħol ta' upgrading fis-sitema tal-kompjuter tal-librerija. B'din is-sistema l-kotba l-ġodda mhux ser jibqgħu jittellgħu Beltissebħ biex jiġu reġistrati. | Camilleri |
| 11. 9. 21 | Camilleri: Sign ma jidhirx | Camilleri talab sabiex jiġi rranġat sign li ma jidhirx fi Triq l-Isqof Antonio Zahra. | Hales |
| 11. 9. 22 | Camilleri: Billboard Merħba Żejtun | Camilleri reġa' fakkar lill-Kunsill dwar il-billboard li hemm fi Vjal 25 ta' Novembru sabiex fuqu ssir 'Merħba Żejtun' ladarba ma jkunx qed jagħti pubbliċita' lil xi attivita'. | Segretarjat |
| 11. 9. 23 | Camilleri: Bibita tal-Milied | **Il-Kunsill qabel li l-bibita tal-Milied issir fit-18 ta' Diċembru.** | Segretarjat |
| 11. 9. 24 | Agius: Attivitajiet | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li saret żjara lill-Anzjani waqt il-party ta' Halloween li sar għat-tfal u li ġiet avviċinata minn Victoria Butlers, għalliema ta' tfal b'anti social behaviour sabiex issir attivita' hands on in community. Għaldaqstant sar kuntatt mad-Dar ta' l-Anzjani fejn dawn laqgħu l-istedina u għalhekk ser issir attivita' tul ix-xahar ta' Novembru. Fenech talbet sabiex tkun infurmata l-Viċi-Sindku. | Agius |
| 11. 9. 25 | | Agius infurmat lill-Kunsill li l-party tal-Milied għat-tfal ser isir fl-20 ta' Diċembru filwaqt li ser isir cultural recreactional activity ġewwa Topaz Hotel bejn il-5 u t-8 ta' Diċembru. Fl-okkażjoni tal-Milied ser issir xmas fair li ser tinvolvi xogħol ta' arti u artiġjanat. | Agius |
| 11. 9. 26 | Agius: Tqassim ta' Greenbags | Agius infurmat lill-Kunsill li f'Novembru ser jerġgħu jitqassmu l-boroż il-ħodor f'kull residenza. Camilleri talab li waqt it-tqassim titqassam nota li min irid, jista' jibgħat l-indirizz elettroniku tiegħu lill-Kunsill. | Agius |
| 11. 9. 27 | Agius: One way Triq Sir Paul Boffa u Triq Ħal Bajda | **Il-Kunsill qabel li l-one way ta' Triq Ħal Bajda ddur kontra.** | Sindku |
| 11. 9. 28 | Segretarju Eżekuttiv: Vacancy Executive Officer | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-vacancy għal executive officer hija miftuħa u li din tagħlaq fis-17 ta' Novembru. Il-Bord magħmul mis-Sindku, Viċi-Sindku, Agius u Abela ser jagħmlu l-intervisti flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv nhar l-20 ta' Novembru fil-5pm. | Sindku Segretarju Eżekuttiv |
| 11. 9. 29 | Segretarju Eżekuttiv: Tiġdid ta' Vacation Leave | **Il-Kunsill qabel li jġedded il-bilanċ tal-vacation leave 2014 tas-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff għas-sena 2015. Dan il-leave kien miżmum għax kellna nuqqas fl-istaff klerikali.** | Sindku Segretarju Eżekuttiv |
| 11. 9. 30 | Camilleri: Korsijiet tal-kompjuter għall-Adulti | **Il-Kunsill qabel li f'Jannar 2015 jorganizza korsijiet tal-kompjuter għall-adulti ma' TCTC. Ser ikun hemm ħlas ta' Eur10 mill-parteċipanti.** | Camilleri |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.15pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 11 ta' Diċembru, 2014 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm

Joe Attard
Sindku

KUNSILL LOKALI
ŻEJTUN
Città Beland

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv